MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2013

Avviz Numru. 393/2012

**Valhmor Borg Import Export Limited (C3062)**

**vs**

**Sherif Said Mohamed u Svetlana konjugi Al Sherif
ID Nru: 0047714(A) u ID Nru: 0168285(M)**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghal-hlas ta' hamest elef, tmien mija u wiehed u ghoxrin Ewro u seba' centezmi (€5821.07) rapprezentanti nkwantu ghall-tlett elef, hames mija u dsatax-il Ewro u seba' centezmi (€3519.07) il-prezz bilancjali ta' diversi konsenji ta' prodotti ghall-konsum lilkom mibjugha u konsenjati u nkwantu ghal elfejn, tlett mija u zewg Ewro (€2302) rapprezentanti bilanc ta' ammont misluf lilkom indivizament bejnietkom u li llum immatura ghall-hlas, kif ukoll thallsu l-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra legali tal-15 ta' Lulju 2012 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk, tal-mandat ta' Qbid kawtelatorju fl-ismijiet premessi li qed jkun intavolat kontestwalment, tal-ittra legali datata 15 ta' Lulju 2012, tat-taxxa fuq il-valur mizjud inkonnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjez jigu ppruvati (Artikoli 698 u 702 (3) (b) Procedura Civili)

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherux fl-21 ta' Jannar 2013 meta gew pprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' €5821.07 (hamest elef, tmien mija u wiehed u ghoxrin Ewro u seba' centezmi) bl-imghax legali mhux kif mitlub izda mis-26 ta' Novembru 2012 sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll l-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju tas-26 ta' Novembru 2012 kif ukoll tal-ittra legali tal-15 ta' Lulju 2012 u tat-taxxa fuq il-valur mizjud inkonnessjoni mad-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------